

32001R1192

19.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 162/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1192/2001
tat-18 ta' Ġunju 2001

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2219/92 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista għal Madejra konnessi ma' prodotti tal-ħalib u li jistabbilixxu l-bilanċ previst tal-provvista

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1600/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 dwar miżuri speċifiċi għall-Azores u Madejra li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti prodotti agrikoli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2826/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1696/92 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2596/93 ⁽⁴⁾, b'mod partikolari jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli lill-Azores u Madejra.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2219/92 ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1030/2001 ⁽⁶⁾, b'mod partikolari jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' prodotti tal-ħalib lil Madejra u jistabbilixxi l-bilanċ previst tal-provvista għal Madejra għal perjodu l-1 ta' Lulju 2000 sat-30 ta' Ġunju 2001.
- (3) Dak il-bilanċ ta' provvista jista' jkun irriedut fejn ikun ipprovat meħtieġ, u l-kwantitajiet ta' prodotti aġġustati matul is-sena ġewwa l-kwantitajiet ġenerali stabbiliti

konformi mar-rekwiżiti tar-reġjun. Biex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti ta' prodotti tal-ħalib ta' Madejra, il-kwantitajiet stmati ta' prodotti tali fil-bilanċ previst ta' provvista għandu jkun aġġustat. L-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2219/92 għandu skond hekk ikun emendat.

- (4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2219/92 huwa b'dan issostitwit bl-Anness li ġej.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 328, tat-23.12.2000, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 6.

⁽⁴⁾ ĠU L 238, tat-23.9.1993, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 218, ta' l-1.8.1992, p. 75.

⁽⁶⁾ ĠU L 144, tat-30.5.2001, p. 3.

L-ANNEX

"L-ANNEX I

Bilanċ ta' provvista ta' prodotti mill-ħalib għal Madeira għall-perjodu l-1 ta' Lulju 2000 sat-30 ta' Ġunju 2001

(tunnellati metriċi)

CN code - Kodiċi tan-NK	Deskrizzjoni	Kwantita
0401	Ħalib u smin tal-ħalib, mhux ikkonċentrat lanqas fih zokkor jew xi ħaġa oħra miżjuda Materja għal tiswir ħelu	12 000
ex 0402	Trab tal-ħalib xkumat	800
ex 0402	Trab tal-ħalib mhux xkumat	700
0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħra derivati mill-ħalib; <i>spreads</i> ta' prodotti tal-ħalib	1 200
0406	Ġobon	1 650"